**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 13 ta' Gunju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**-vs-**

**Dylan Azzopardi, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 184293M**

***Kumpilazzjoni Nru. 952/2014***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Dylan Azzopardi u ċioè talli:

Fis-26 ta' Ġunju, 2013, għall-ħabta tal-17:00hrs ġewwa San Blas, Żebbuġ:

1. Saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni 'DYLAN' b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont.

2. Saq b'veloċità aktar milli messu.

3. B'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vettura nru. JBJ-464 u involontarjament ikkaġuna hsara għad-dannu ta' Salvatore Attard.

4. B'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiċi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Salvatore Attard skont kif iċċertifika Dr Kurt Carabott M.D. Reg 5335 mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għall-perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhirilha xieraq.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f'Gunju, 2013, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-10 ta' Dicembru, 2015.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, l-ammissjoni tal-imputat mill-aktar tardiva, il-fedina penali tieghu u c-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 226 (1)(b), 328(c) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1)(a)(2), 54, 55(1)(2)(3) u 56 tal-Ordinanza dwar it-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u tar- regolament 127(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11), fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlettin xahar.

Inoltre` tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma jsegwix l-ordnijiet li jinghatawlu minn zmien ghal zmien mill-ufficjal tal-probation.

Tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**